**ARB/C014/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 17th April, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Rachel Montebello LL.D.). Compilation Number 592/2022, in the case:

The Police
(Inspector Ritienne Gauci)

Versus

**CLINT LA ROSA**, businessman, 35 years, son of Marco La Rosa and Rosaria La Rosa née Fenech, born in Pietà, Malta on the 30th November, 1987 and residing at 21, Mark Court, Flat 9, Triq ta' Gidwet, Marsaskala and holder of Maltese Identity Card bearing number 538587M.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **CLINT LA ROSA** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the Court order as mentioned in Article 36 and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 19th April, 2023

**Mr Anton Sevasta**
Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C014/2023 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fis-17 ta' April, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 592/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Ritienne Gauci)

Kontra

**CLINT LA ROSA**, negozjant, ta' 35 sena, iben Marco La Rosa u Rosaria La Rosa xebba Fenech, imwieled Tal-Pietà, Malta fit-30 ta' Novembru, 1987 u residenti ġewwa 21, Mark Court, Flat 9, Triq ta' Gidwet, Marsaskala u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 538587M.

**ORDNAT** iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **CLINT LA ROSA** u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta..

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36 u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 19 ta' April, 2023

**Is-Sur Anton Sevasta**
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi